SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 347/01DM

Strand Marine & Auto Systems Limited

Vs

David Debono

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm282.60) rapprezentanti l-hlas maghmul lilu mill-attur, in konessjoni mal-lanca Excalibur, waqt li kienet ghadha propjeta` tieghu liema lanca giet minnu mibjugha lil terzi kif jirrizulta mill-invoice anessi bhala dokument A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-26 ta' Settembru 2000 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-invoice sad-data tal-pagament effetiv kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi s-somma mitluba ta' mitejn u tnejn u tmenin lira Maltin u sittin centezmu (Lm282.60) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mil-25 ta' Settembru tas-sena 2000 u bl-ispejjez konra l-konvenut.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg